**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-27 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 279/2022 JPG**
**Kawza Numru : 20**

**DG**
**Vs**
**MZ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DG datat 18 ta' Mejju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi hija izzewget nhar il-14 ta' Lulju 2014 liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 2262/2014; certifikat anness u immarkat Dok A;*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia fl-27 ta' Jannar 2020; kuntratt tas-separazzjoni anness u immarkat dok B;*

*Illi mid-data tas-separazzjoni ghaddew aktar minn sentejn;*

*Illi miz-zwieg taghhom l-partijiet ma kellhomx ulied;*

*Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;*

*Illi illum il-gurnata ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti qieghda titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara mahlul z-zwieg taghhom u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MZ datata 15 ta' Lulju 2022, a fol 17 et seqq., li taqra hekk:

*Illi preliminarjament l-intimat jecepixxi li l-kunjom tar-rikorrenti hija G u mhux Z ghalhekk ghandhom isiru l-korrezzjonijiet mehtiega;*

*Illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Lulju 2014 u liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 2262/201;*

*Illi huwa minnu li l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat in ati tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia fl-27 ta' Jannar 2020. Illi fil-fatt permezz ta' dan il-kuntratt ir-rikorrenti kienet biddlet kunjomha lura ghal kunjomha xebba u cioe' G hekk kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni personali; (ara klawsola 23 tal-kuntratt ta' separazzjoni anness mar-rikors promotur).*

*Illi huwa minnu li ghaddew iktar minn sentejn mid-data ta' separazzjoni personali tal-partijiet;*

*Illi huwa minnu li ma twieldux tfal, ma hemm l-ebda manteniment dovut, u illum il-gurnata ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li ghandhom il-hajja separata taghhom.*

*Illi l-intimat jaqbel li jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi u ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant, salv li jsir il-korrezzjoni mehtiega fl-okkju ta' dan ir-rikors, l-intimat m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju tar-rikorrenti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-partijiet kif assistiti iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 21);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-intimat xehed** (vide affidavit fol 19) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-26 ta' Lulju 2014 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Jannar 2020 fl-atti tan- Nutar Dr Jean Paul Farrugia. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**L-attrici xehdet** (vide fol 2) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehdet l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm***

***maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' Lulju 2014 (u mhux fl-14 ta' Lulju 2014 kif indikat fir-rikors promotur), liema zwieg jgib certifikat numru 2262/2014 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3 et seqq.). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Jean Paul Farrugia nhar is-27 ta' Jannar 2020 (vide Dok B fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2262/2014 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**